*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 69*

***5.30p.m 5 ta' Diċembru 2023***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

### *Assenti*

Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina - Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *69.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji*

69.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

## *69.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

69.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 66. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

### *69.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

69.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-punti tiegħu ser inkunu fit-temi li ġejjin, b'hekk talab lill-kunsilliera jressqu l-kummenti jew il-mistoqsijiet tagħhom.

## *69.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

69.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li qed ikun hemm diversi irkejjen ta' skart li mhux qiegħed jittieħed mill-kuntrattur fosthom f'Misraħ GF Abela u fi Triq is-Ssma. Trinita'. Apparti dan il-Kunsillier irrimarka li l-iskola Tereza Nuzzo qed toħroġ l-iskart faċċata tal-iskola. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ser ikun qed jieħu ħsieb li jitkellem mall-persuni kkonċernati.

69.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer xtaq iressaq id-disappunt tiegħu dwar kif tmexxew l-attivitajiet marbuta mar-Reġjun tal-Kultura li din is-sena kienet ir-Reġjun Nofsinhar. Huwa qal li bosta drabi l-attivitajiet saru Ħal Qormi u qajla saru postijiet oħra. Apparti dan, il-Kunsillier saħaq li l-Kunsill għandu jerġa jressaq id-dispjaċir tiegħu li tneħħa mir-Reġjun tal-Port u issa ġie mar-Reġjun tan-Nofsinhar, ħaġa li tassew ma tagħmilx sens meta l-Marsa hija Port. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel perfettament ma dan il-punt, u għandu l-ħsieb li jerġa jqajjem din it-tema mad-Direttur Ġenerali l-ġdid is-Sur Emile Vassallo.

69.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa dwar l-attivita' tal-Għaqda Storika u Kulturali tal-Marsa u dwar jekk il-Kunsill huwiex ser ikun qed jikkollabora mall-għaqda għal din l-attivita'. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li peress li l-Kunsill rebaħ skema t'attivitajiet, l-attivita' tal-Għaqda Storika tista' faċilment tagħmel parti min dawk relatati mall-Kunsill.

## *69.5 Kunsiderazjoni* **u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

68.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 11/2023 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il- Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

.

## *69.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

69.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-kumitat tal-Marsa Football Club ser joħroġ Kalendarju għas-Sena 2024 u qed jistaqsu jekk il-Kunsill hux interessat li jirreklama fuq il-kalendarju għal ħlas ta' €50. Wara li ħadd min dawn preżenti ma kellu oġġezzjoni l-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

69.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li s-Segretarjat Parlamentari tal-Gvern Lokali b'kollaborazzjoni m'Ambjent Malta ser jagħtu siġra tal-Milied lil kull Kunsill Lokali. Din għandha tiġi mżejna b'dawl u dekorazzjonijiet b'materjal riċiklabbli. Ir-residenti tal-lokal ser ikunu jistgħu jpoġġu r-rigali tagħhom taħt is-siġra bejn it-12 u l-20 ta' Diċembru 2023. Fil-21 ta' Diċembru il-Kunsill ser jieħu dawn ir-rigali taħt is-siġra tal-Milied fi Pjazza Kastilja. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur li l-Kunsill tal-Marsa jieħu sehem kien wieħed unanimu.

69.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Inġ. Ray Piscopo spjega kif kien għamel talba sabiex isiru road humps fit-triq tiegħu, wara li dawn f'Ġunju 2023 saru inħolqot skont hu problema ġdida minħabba l-ħsejjes ġġenerati mill-karozzi li jitilgħu fuq ir-road hump. Huwa talab l-intervent tal-Ombudsman biex titneħħa mmedjatament minħabba li din qed tħalli mpatt negattiv fuq is-saħħa tal-persuna. Is-Sindku spjega wkoll li Transport Malta nformaw il-Kunsill li r-road hump trid titbaxxa u titwessa iżda mhux titlaq u għaldaqstant il-Kunsill irid jimxi mall-parametri li ġew stabbiliti min TM. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

69.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li s-Sur Clyde Buttiġieġ qed jitlob kumpens minħabba ġrieħi li sofra meta kellu inċident bil-mutur fi Triq Troubrigde ma Crossroads. Wara li l-Kunsill ħa parir min l-avukat huwa nforma l-Kunsill li bl-ebda mod ma l-Kunsill għandu jieħu tort meta fir-rapport tal-pulizija ma hemmx ritratti ta' l-inċident u meta l-inċident setgħa ġara minħabba negliġenza min naħa tas-sewwieq. Kien hemm qbil min dawk preżenti fuq il-parir tal-avukat. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *69.7 Update Attivitajiet tal-Milied;*

69.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-attivita' tal-anzjani issa hija fully booked u ser tkun qed issir fil-15 ta' Diċembru fid-9.00 ta' filgħodu quddiem il-Kunsill. Il-ftuħ tal-wirja tal-presepju ser issir fit-12 ta' Diċembru fl-istess ħin tal-ftuħ tad-Day Care Centre, liema dettalji ser ikunu speċifikati fl-item li jmiss. Fl-14 ta' Diċembru ser ikun hemm il-Christmas Parade. Hawnhekk il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer spjega li l-programm ta' filgħaxija ser ikun varjat b'kunċert tal-

X-Tend, żeffiena ta' Keith Dancing Studios, baned, l-iżlitta ta' Santa Klaws, bi programm li jolqot il-gosti ta' kulħadd. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *69.8 Update – Ftuħ Day Care Centre;*

69.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma l-dawk preżenti li d-data tal-ftuħ tad-Day Care Centre bħalma ġie spjegat fl-laqgħat preċedenti ser ikun fit-12 ta' Diċembru u fil-5.30 ta' filgħaxija ser ikun qed jattendi l-Prim Ministru li ser ikun huwa li ser jiftaħ dan il-proġett flimkien mall-wirja tal-presepji. Huwa spjega li wara l-wasla tal-Prim Ministru ser ikun hemm diskors mis-Sindku u wara diskors mill-Prim Ministru sabiex wara l-Kunsilliera kollha jinżlu flimkien mall-Prim Ministru sabiex isir ser it-tberik u l-kxif tal-plakka kommemorattiva. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer irrimarka li huwa importanti li jkun hemm Security għall-okkażjoni, li l-catering jagħmlu l-ikel u x-xorb fuq barra peress li mhux ser ikollhom fejn iduru fuq ġewwa minħabba l-presepji u finalment li jkun hemm ukoll screen biex il-persuni li jkunu qegħdin fuq ikunu jistgħu jsegwu l-andament tal-attività fil-Kunsill min barra. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet fir-rigward, il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *69.9 Jum il-Marsa (21 ta' Jannar);*

69.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li minħabba li saru diversi attivitajiet marbuta mall-Milied matul ix-xahar ta' Diċembru, ser ikun diffiċli li tiġi organizzata attività kbira għal Jum il-Marsa. Għaldaqstant l-attività ppjanata hija li wara l-quddies ta' filgħodu fil-Parroċċa ta' Marija Reġina nhar il-Ħadd 21 ta' Jannar jingħataw il-Ġieħ il-Marsa. L-għaqdiet tal-lokal ser ikunu qed iressqu n-nominazzjonijiet. Il-ħin tal-quddies ser ikun qed jingħata iktar il-quddiem. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *69.10 Quarterly Report Q3;*

69.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti d-dettalji tal-andament finanzjarju tal-Kunsill Lokali għall-perjodu ta' disa' xhur sa l-aħħar ta' Settembru 2023. Matul dan il-perjodu rajna li l-Kunsill Lokali tal-Marsa rreġistra defiċit ta' €52,000 li huma dovuti minħabba tnaqqis ta' madwar €50,000 mill-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill sabiex dawn il-fondi jingħataw lir-reġjun biex jitħallas il-kuntrattur tal-iskart. Is-Segretarju spjega li parti min din l-allokazzjoni li tneħħiet ser tiġi rkuprata fuq l-iskart riċiklabbli, madankollu, jidher li din ir-rifużjoni mhix ser isseħħ sa l-aħħar ta' din is-sena hekk kif is-Segretarju Eżekkutiv tar-Reġjun spjegat li l-proċess tar-rifużjoni qed idum iktar milli mistenni. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet fuq din l-informazzjoni l-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *69.11 Performance Bonus tal-Ħaddiema Klerikali;*

69.11.1 **Is-**Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex l-impjegati tal-Kunsill is-Sinjura Claire Grech, is-Sinjura Leann Xuereb, is-Sinjura Dillian Adami u s-Sinjorina

Ilaria Aquilina jingħataw il-massimu ta' 6% tal-performance bonus. Wara li ħadd min dawk ma kellu oġġezzjoni l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *69.12 Updates – Tender tal-Knis u Tender tal-Latrini;*

69.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti dettalji dwar din it-tema. Is-Segretarju spjega li peres li l-Kunsill Lokali mhux ser ikun qed iġedded il-kuntratti tal-knis kif ukoll tal-latrini, d-Dipartiment tal-Kuntratti nfurmawna li minnufih iridu jerġgħu joħorġu t-tenders fuq is-sistema tal-ePPS. Il-kuntratturi li mhux ser ikunu qed jerġa jiġġeddidilhom il-kuntratt huma fil-liberta' li jerġgħu japplikaw peress li dawn il-kumpaniji mhumiex blacklisted. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *69.13 Tender tal-Bankini;*

69.13.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li fil-gimgħat li ġejjin ser ikun irid joħroġ permezz tas-sistema ePPS it-tender tal-bankini hekk kif dan skada propju ftit tal-jiem ilu. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *69.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

69.14.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.15 pm u ġiet aġġornata għal 4 ta' Jannar fil-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |